# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.D.

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa 14 ta' Diċembru, 2016.**

**Talba Nru: 414/2016PA**

**GO p.l.c.**

**vs**

**FARRUGIA Dorianne**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fit-3 t'Ottubru 2016 li permezz tiegħu s-soċjeta' attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma ta' tmien mija u sittax-il Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€816.92ċ) in konnessjoni ma' servizzi miġbura fil-kont bin-numru 40188760, bl-ispejjeż u drittijiet, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali 1885/15, u bl-imgħaxijiet legali mill-14 ta' Ottubru 2015, data tal-preżentata tal-imsemmija ittra.

Ra d-dokumenti ppreżentati mis-soċjeta' attriċi mal-Avviż tat-Talba, senjatament prospett tal-ħlasijiet mitluba (Dok.'A'); kopja tal-kuntratt relattiv (Doki.'B1 u 'B2'); estratt mir-Reġistru Elettorali (Dok.'C') u kopja ta' ittra uffiċjali eżekuttiva preżentata fl-14 ta' Ottubru 2015 (Dok.'D').

Ra li l-konvenuta kienet debitament notifikata bl-Avviż tat-Talba u bl-Avviż tas-Smigħ fit-22 ta' Ottubru 2016, pero' baqgħet ma ppreżentatx Risposta u lanqas dehret sabiex tikkontesta t-Talba.

Ra li fl-udjenza tat-23 ta' Novembru 2016, Melanie Pace, *Credit Control Officer* mas-soċjeta' attriċi, xehdet bil-ġurament li l-konvenuta fadlilha tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma mitluba b'din il-kawża prezz ta' servizzi u *equipment charges*.

Ikkunsidra li t-talba tas-soċjeta' attriċi għall-kundanna tal-konvenuta biex tħallasha s-somma mitluba ta' €816.92ċ tirriżulta ampjament pruvata, fil-kontumaċja tal-konvenuta.

Dwar l-ispejjeż, jirriżulta li s-soċjeta' attriċi ma kellhiex mod ieħor kif tinforza l-jedd tagħha għall-ħlas, u kienet kostretta tipproċedi kemm bl-ittra uffiċjali eżekuttiva, u anke bl-Avviż tat-Talba, u għalhekk il-konvenuta għandha tbati l-ispejjeż tal-istess. Kwantu għall-imgħax, it-Tribunal iqis li billi s-soċjeta' attriċi ma nnotifikatx lill-konvenuta bl-ittra uffiċjali, u tenut kont ukoll li d-debitu in kwistjoni kien ta' natura ċivili, l-imgħax għandu jiddekorri mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.

Għaldaqstant, it-Tribunal jilqa' t-talba tas-soċjeta' attriċi u jikkundanna lill-konvenuta tħallasha s-somma mitluba ta' tmien mija u sittax-il Ewro u tnejn u disgħin ċenteżmu (€816.92ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba, u bl-ispejjeż kif mitluba fl-Avviż tat-Talba.

**Avukat Phyllis Aquilina, LL.D.**

**Ġudikatur**